

Brussell, 22 ta' Lulju 2024
(OR. en)

12505/24
ADD 1

ENT 141
MI 718
COMPET 818
IND 382
DELECT 136

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Lulju 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2024) 3480 final
Suġġett:	ANNESSI tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 305/2011 billi jistabbilixxi s-sistemi applikabbli għall-valutazzjoni u l-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-kostruzzjoni fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali dwar is-sostenibbiltà ambjentali u li jemenda dak ir-Regolament fir-rigward tal-valutazzjoni u l-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-kostruzzjoni abbażi ta' approċċ ta' mmudellar

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2024) 3480 final.

Mehmuż: C(2024) 3480 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.5.2024
C(2024) 3480 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESI

tar-

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../...

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 305/2011 billi jistabbilixxi s-sistemi applikabbli għall-valutazzjoni u l-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-konstruzzjoni fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali dwar is-sostenibbiltà ambjentali u li jemenda dak ir-Regolament fir-rigward tal-valutazzjoni u l-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-konstruzzjoni abbażi ta' approċċ ta' mmudellar

ANNESS I

SISTEMI TA' VALUTAZZJONI U TA' VERIFIKA TAL-KOSTANZA TAL- PRESTAZZJONI

Għall-prodotti koperti minn dan ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi essenzjali tagħhom, is-sistemi għall-Valutazzjoni u l-Verifika tal-Kostanza tal-Prestazzjoni (is-sistema AVCP) kif stipulat fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 għandhom japplikaw kif ġej:

Tabella 1

Għall-karatteristiċi essenzjali dwar is-sostenibbiltà ambjentali

Ringiel a	Sottofamilji tal-prodott	Sistema AVCP
1	Prodotti li għalihom teżisti bażi legali Ewropea applikabbli biex jiġi ddeterminat li huma meqjusa li jiksbu ċertu livell jew klassi ta' prestazzjoni mingħajr ittestjar jew kalkolu, jew mingħajr ittestjar jew kalkolu ulterjuri	4
2	Prodotti li ma jappartjenux għas-sottofamilji stipulati fir-ringiela 1	3+

ANNEX II

L-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1.4a. li ġej. Jiddaħħal Sistema 3+:

“1.4a. **Sistema 3+**

(a) Il-manifattur għandu jwettaq:

(i) il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodott abbażi tal-ġbir tad-*data* għall-valuri tal-input, is-suppożizzjonijiet u l-immudellar;

(ii) il-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika.

(b) Il-korp notifikat ta' validazzjoni tal-valutazzjoni għandu jiddeċiedi dwar il-ħruġ, ir-restrizzjoni, is-sospensjoni jew l-irtirar tar-rapport ta' validazzjoni tal-kostanza tal-prestazzjoni tal-prodott għall-bini abbażi tal-eżitu tal-valutazzjonijiet u l-verifiki li ġejjin imwettqa minn dak il-korp:

(i) il-validazzjoni tal-valuri tal-input, is-suppożizzjonijiet magħmula u l-konformità mar-regoli ġeneriċi jew speċifiċi għall-kategorija tal-prodotti applikabbli;

(ii) il-validazzjoni tal-valutazzjoni tal-manifattur;

(iii) il-validazzjoni tal-proċess applikat sabiex tiġi ġġenerata dik il-valutazzjoni;

(iv) il-validazzjoni tal-użu korrett ta' software xieraq għall-valutazzjoni;

(v) l-ispezzjoni inizjali tal-impjant tal-manifattura biex tiġi vvalidata kwalunkwe *data* speċifika għall-kumpanija.”;

(b) il-punt 1.6. huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1.6. Il-prodotti għall-bini li għalihom tkun inħarġet Valutazzjoni Teknika Ewropea

Il-korpi nnotifikati li jwettqu kompiti taħt is-Sistemi 1+, 1, 3 u 3+ kif ukoll il-manifatturi li jwettqu kompiti taħt is-Sistemi 2+ u 4 għandhom jikkunsidraw il-Valutazzjoni Teknika Ewropea li nħarġet għall-prodott għall-bini inkwistjoni bħala l-valutazzjoni tal-prestazzjoni ta' dak il-prodott. Għaldaqstant, il-korpi nnotifikati u l-manifatturi ma għandhomx iwettqu l-kompiti msemmija fil-punti 1.1.(b)(i), 1.2.(b)(i), 1.3.(a)(i), 1.4.(b), 1.4a.(a)(i) u 1.5.(a)(i) rispettivament.”;

(2) fil-punt 2, jiżdied il-punt (4) li ġej:

“(4) il-korp ta' validazzjoni tal-valutazzjoni: korp notifikat, f'konformità mal-Kapitolu VII, biex jivvalida l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini.”;

(3) fil-punt 3, jiżdied il-punt 6 li ġej:

“6. Sostenibbiltà ambjentali.”.